QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
ONOR IMĦALLEF ANNA FELICE

Illum 29 ta' Jannar, 2025

Rikors Ġuramentat Nru: 1275/2024 AF

Michael Debono Limited (C 10002)

vs

Bhin K C Kamal

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Michael Debono Limited li permezz tiegħu wara li ġie premess:

1. Illi s-soċjeta` attriċi hija kreditriċi tal-konvenut, fl-ammont ta' **erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u tletin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€24,530.32)** rappreżentanti għal kapital (€4,860.00) u interessi dovuti fuq kambjali 5 sa 16 li huma skaduti (€181.26), dovuti fuq il-vettura C-HR Hybrid b'Chassis no. ZYX10-2019092 li s-soċjeta` attriċi biegħet u kkonsenjat lil konvenut skond Hire Purchase Agreement tal-24 ta' Mejju 2023, li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok A, u in kwantu għall-ammont rimanenti, dan jirrappreżenta kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu (€19,429.06), kif ukoll spejjeż legali inkorsi mill-mittenti għall-ispedizzjoni ta' ittra legali

(€60), oltre l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, u dan skond ma jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala Dok B.

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess soċjeta` attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispenza tas-smiegħ, billi fil-fehma tal-istess soċjeta` attriċi l-intimat m’għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

3. Illi l-konvenut ġie interpellat sabiex iħallas dan l-ammont fuq imsemmi permezz tal-ittra uffiċjali b’numru ta’ referenza 146/2024 mibgħuta lilu ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok C.

4. Illi s-soċjeta` attriċi tagħmel referenza wkoll għall-mandat ta’ sekwestru b’numru ta’ referenza 1566/2024, kif ukoll il-mandat ta’ qbid b’numru ta’ referenza 1564/2024, hawn annessi u mmarkati bħala Dok D u Dok E rispettivament, li kellhom jiġu intavolati mis-soċjeta` esponenti sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tagħha bħala kreditriċi tal-konvenut.

5. Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat ripetutament sabiex iħallas l-imsemmi ammont dovut, huwa baqa’ inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

6. Illi dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.

Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta` attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna l-konvenut sabiex iħallas l-ammont ta’ **erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u tletin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€24,530.32)** rappreżentanti in kwantu għal kapital (€4,860.00) u interessi dovuti fuq kambjali 5 sa 16 li huma skaduti (€181.26), dovuti fuq il-vettura C-HR Hybrid b’Chassis no. ZYX10-2019092 li s-soċjeta` attriċi mittenti biegħet u kkonsenjat lilek skond Hire Purchase Agreement tal-24 ta’ Mejju 2023, Dok A fil-proċess u in kwantu għal kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu (€19,429.06), kif ukoll spejjeż legali inkorsi mill-mittenti għall-ispedizzjoni ta’ ittra legali (€60), oltre l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, u dan skond ma jidher fl-istatement Dok B fil-proċess.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta’ sekwestru b’numru ta’ referenza 1566/2024, il-mandat ta’ qbid b’numru ta’ referenza 1564/2024, kif ukoll l-ittra uffiċjali numru 146/2024 preżenti kontra l-konvenut, oltre l-imgħaxijiet legali sal-lum tal-effettiv tal-pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess nġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat li Bhin Kamal minkejja li ġie debitament notifikat, baqa’ ma deherx biex wieġeb għal kawża.

Ikkunsidrat illi s-soċjeta` rikorrenti ppruvat sal-grad rikjest mil-Liġi illi t-talba tagħha hija ġustifikata u għalhekk għandha tintlaqa’. Dan għamlitu permezz tal-konferma bil-ġurament ta’ Isaac Debono u d-dokumenti kollha hemm esebiti.

Għaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi tilqa’ l-ewwel talba, tilqa’ t-tieni talba u tikundanna lil Bhin K C Kamal iħallas lil Michael Debono Limited is-somma komplessiva ta’ erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u tletin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€24,530.32) bl-ispejjeż u imgħaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu minn Bhin K C Kamal.